MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 521/2001/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Edward Zammit abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Edward Zammit**

**Vs**

**Godfrey Dalli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma ta' Lm301.98 (tlett mija u lira u tmienja u disghin centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti danni mill-konvenut ikkawzati b'rizultat tal-agir tal-konvenut fil-propjeta ta' Edward Zammit fis-26 u 27 ta' Novembru 1998 u spejjes relattivi.

Bl-imghax legali mis-16 ta' Ottubru 2000 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ppresentata fis-16 ta' Ottubru 2000, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 16 ibid) u li biha eccpixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 et seq tal-Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta, bil-preskrizzjoni biennali.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2002 (fol 19 ibid) u li fiha l-konvenut irtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'din l-azzjoni.

Rat ukoll dak verbalizzat a fol 76, 77 u 78 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, waqt li l-konvenut ma gab ebda prova sabiex jispjega u jissostanzja l-eccezzjoni fil-meritu sottomessa minnu, jidher li s-socjeta attrici nomine et ipproduciet is-segwenti fatti:-

a) l-attur stess (fol 73 sa fol 75 ibid) semma' li l-hsarat kagunati ghad-danni tieghu kienu kawza ta' tfigh ta' zebgha hamra mitfugha mal-bieb tar-residenza tieghu. Bhala konsegwenza, hu kien issottometta 'claim' mas-socjeta assikuratrici tieghu li kkompensatu ghad-danni kollha hlief ghal Lm15 'excess'. Inoltre l-Pulizija kienet investigat dan il-kawza u kien gie arrestat il-konvenut li kien skuza ruhu ta' dak li kien ghamel.
b) <u>Peter England</u> f'isem l-istess socjeta assikuratrici (fol 23 et seq ibid) esebixxa kemm is-'survey report' maghmul

in konnessjoni mal-hsarat in esami (fol 25 u fol 28 ibid) kif ukoll is-‘subrogation form’ iffirmata mill-attur in konnessjoni ma dan il-kaz kif ukoll l-ispejjes inkorsi ghal istess ‘survey’ ammontanti ghal Lm60.95. L-istess xhud esebixxa kopja informi, mhux kontestata, tas-sentenza moghtija mill-lat kriminali, fil-konfront tal-istess konvenut, wara li dan kien ammetta l-akkuza kontra tieghu (fol 3) ibid) waqt li kien obbliga ruhu li jhallas id-danni kawzati volontarjament minnu.
c) Nota li biha (fol 40 sa fol 53 ibid) gew esebiti d-dokumenti annessi fosthom erba (4) ritratti li juru l-istess hsarat kif ukoll ohrajn li jissostanzjaw l-ammont dovut sabiex jigu riparati l-hsarat kagunati oltre kopja legali tas-sentenza gja citata u moghtija fil-konfront tal-konvenut.
d) Bernard Farrugia f’isem ‘Mediterranean Survey Bureau Limited” (fol 64 u fol 65) li kkonferma fis-sustanza l-provi kif di gja esposti.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li gie ampjament pruvat illi l-konvenut ikkaguna, volontarjament, id-danni in esami u li l-ammont pretiz fl-avviz hu pjenament gustifikat a basi kemm tal-fatti kif esposti, kemm tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici nomine et is-somma ta’ Lm301.98 bl-imghax legali mis-16 ta‘ Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Ottubru 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------